

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2022/1670

tad-29 ta' Settembru 2022

li jemenda r-Regolament (UE) 2022/109 li jistabbilixxi għall-2022 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/109 ⁽¹⁾ jistabbilixxi għall-2022 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni.
- (2) Ir-Regolament (UE) 2022/109, kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1091 ⁽²⁾, jistabbilixxi qabda totali permissibbli (TAC) proviżorja għall-inċova (*Engraulis encrasicolus*) fis-subżoni 9 u 10 tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) u fl-ilmijiet tal-Unjoni tal-Kumitat tas-Sajd għall-Atlantiku Ċentrali tal-Lvant (CECAF) 34.1.1 għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2022 sat-30 ta' Settembru 2022, sakemm jiġi ppubblikat il-parir xjentifiku pprovdut mill-ICES għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2022 sat-30 ta' Ġunju 2023. Wara l-pubblikazzjoni ta' dak il-parir fis-17 ta' Ġunju 2022, li jippermetti li s-sajd ikompli, jenħtieġ li tiġi stabbilita t-TAC definittiva għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2022 sat-30 ta' Ġunju 2023. Jenħtieġ li t-TAC jiġi stabbilit fil-livell ta' 15 777 tonnellata indikat f'dak il-parir.
- (3) Ir-Regolament (UE) 2022/109 jistabbilixxi kondizzjoni speċjali dwar il-kwoti għas-sawrell (*Trachurus spp.*) fis-subżona 9 tal-ICES. Ir-Regolament (UE) 2022/109 ma jistabbilixxix il-perċentwal soġġett għal dik il-kondizzjoni speċjali, sakemm isir disponibbli parir xjentifiku aġġornat mill-ICES rigward il-flessibbiltajiet bejn iż-żoni bejn is-subżona 9 u d-diviżjoni 8c tal-ICES. Fit-18 ta' Awwissu 2022, l-ICES ippubblika Servizz Tekniku dwar il-flessibbiltajiet bejn iż-żoni bejn is-subżona 9 u d-diviżjoni 8c tal-ICES. Huwa xieraq li l-Unjoni tistabbilixxi l-perċentwal soġġett għal dik il-kondizzjoni speċjali f'konformità ma' dak is-Servizz Tekniku tal-ICES.
- (4) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2022/109 jiġi emendat skont dan.

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/109 tas-27 ta' Jannar 2022 li jistabbilixxi għall-2022 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 21, 31.1.2022, p. 1).

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1091 tat-30 ta' Ġunju 2022 li jemenda r-Regolament (UE) 2022/109 li jistabbilixxi għall-2022 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 176, 1.7.2022, p. 5).

- (5) Il-limitu tal-qbid għall-inċova fis-subżoni 9 u 10 tal-ICES u fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-CECAF 34.1.1 jenħtieġ li japplika mill-1 ta' Lulju 2022. Il-kondizzjoni speċjali rigward il-kwoti għas-sawrell (*Trachurus spp.*) fis-subżona 9 tal-ICES jenħtieġ li tapplika mill-1 ta' Jannar 2022. Tali applikazzjoni retroattiva ma taffettwax il-prinċipji taċ-ċertezza ġuridika u tal-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi billi żdiedu l-opportunitajiet tas-sajd għall-inċova u ġiet introdotta flessibbiltà bejn iż-żoni għall-opportunitajiet tas-sajd għas-sawrell. Minħabba l-urġenza biex jiġu evitati interruzzjonijiet fl-attivitajiet tas-sajd, dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emenda tar-Regolament (UE) 2022/109

Ir-Regolament (UE) 2022/109 huwa emendat f'konformità mal-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Id-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw is-sawrell fis-subżona 9 tal-ICES għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2022. Id-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-inċova fis-subżoni 9 u 10 tal-ICES u fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-CECAF 34.1.1 għandhom japplikaw mill-1 ta' Lulju 2022.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Settembru 2022.

Għall-Kunsill

Il-President

J. SÍKELA

ANNEX

Il-Parti A tal-Anness IA tar-Regolament (UE) 2022/109 huwa emendat kif ġej:

(1) it-tieni tabella hija sostitwita b'dan li ġej:

“Speċi:	Inċova <i>Engraulis encrasicolus</i>	Żona:	Id-9 u l-10; L-ilmijiet tal-Unjoni ta' CEEAF 34.1.1 (ANE/9/3411)
Spanja	7 546	⁽¹⁾	TAC prekawzjonarja
Portugall	8 231	⁽¹⁾	
Unjoni	15 777	⁽¹⁾	
TAC	15 777	⁽¹⁾	

⁽¹⁾ Din il-kwota tista' tinqabad biss mill-1 ta' Lulju 2022 sat-30 ta' Ġunju 2023.”;

(2) l-erbgħa u għoxrin tabella hija sostitwita b'dan li ġej:

“Speċi:	Sawrell <i>Trachurus spp.</i>	Żona:	9 (JAX/09.)
Spanja	35 516	⁽¹⁾	TAC analitika
Portugall	101 761	⁽¹⁾	Japplika l-Artikolu 8(2) ta' dan ir-Regolament
Unjoni	137 277		
TAC	143 505		

⁽¹⁾ Kondizzjoni speċjali: sa 3 % minn din il-kwota tista' tinqabad fiż-żona 8c (JAX/*08C.).”.